# IS-SANTWARJU TAL-MELLIEHA
# EX-VOTI MARITTIMI

Is-Santwarju tal-Mellieħa hu msemmi għal ħafna raġunijiet fost l-oħrajn għax jiġbor fih kollezzjoni ta' kwadri wegħdi magħrufin ukoll bħala ex-voti. Fuq dawn il-kwadri għandek issib l-ittri V.F.G.A. li huma flok il-kliem bil-latin VOTUM FECIT GRATIAM ACCEPIT; bil-Malti jfissru "għamilt wegħda u qlajt il-grazzja." Il-parti l-kbira ta' dawn il-kwadri saru b'wegħda għall-ħelsien minn xi diżgrazzja fuq il-baħar. Billi f'dan is-Santwarju tal-Madonna nsibu bosta u bosta minn dawn il-wegħdi ma jistax wieħed jitkellem fuqhom kollha iżda ser insemmu dawk biss li għandhom x'jaqsmu mal-baħar li b'kollox jgħoddu 62 wieħed.

Iżda fis-Santwarju jinsabu għamliet oħrajn ta' wegħdi li bejniethom jiġbru wisq tagħrif fuq il-ħajja soċjali u kulturali ta' pajjiżna. Dawn ukoll jixirqilhom li jkunu eżaminati u miflijin sewwa biex minnhom wieħed jislet tagħrif, tagħlim u aspetti differenti tal-ħajja Maltija.

Il-qima lejn il-Madonna tal-Mellieħa kienet u għada f'qalb il-Maltin kollha. Fis-Santwarju tagħha għalhekk insibu waħda mill-akbar kollezzjonijiet ta' ex-voti tal-baħar. Wara dik tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara u tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar il-ġabra ta' kwadri fil-Mellieħa toffri skop għall-studju fuq il-ħajja tal-baħar.

Il-Madonna hi ippreżentata xi drabi bit-titolu tal-Kunċizzjoni jew tal-Karmnu; darb'oħra tidher inkurunata. F'ħames każi nsibu li l-Madonna tidher flimkien mal-Erwieħ tal-Purgatorju. Qaddisin oħra li jidhru flimkien mal-Madonna huma Sant'Anna, Santu Rokku darbtejn, San Ġorġ, San Pawl u Santa Genoveffa. Meta tqis li f'bosta ex-voti tal-baħar f'inħawi oħra wegħdi saru mal-Madonna u xi drabi ma' tlieta jew erbgħa qaddisin oħra fl-istess ħin, fil-Mellieħa jidher li l-importanza tingħata lill-Madonna wisq iżjed minn qaddisin oħra.

In-nies tal-baħar dejjem kellhom f'qalbhom l-Erwieħ tal-Purgatorju u forsi din hi r-raġun li fil-Mellieħa nsibuhom irrapreżentati ħames darbiet flimkien mal-Madonna.



*Kwadru mogħti min Laura Jeffreys passiġiera Ingliża fuq vapur mhux magħruf ismu f'Awissu 1908. Iffirmat: J. Hubert (38 x 30 cm)*

L-importanza ta' kollezzjoni bħal din tidher fil-fatt li għandna l-istorja tal-baħar mhix miktuba. Dak li wieħed jaqra fuqu bosta drabi ma jkollux ħjiel viżiv ta' kif kienet it-tali biċċa tal-baħar; f'dawn l-ex-voti wieħed jaraha quddiemu u bosta drabi bl-isem propju wkoll. M'hemmx dubju li t-tpinġija mhix xi kapolavur ta' kuluri, teknika jew perspettiva iżda hi konferma ta' dak li ssib fil-kotba. Anzi rrid ngħid li kieku ma kienx kwadru wegħda hawnhekk u ieħor f'Tal-Ħerba qatt ma kont nasal biex nara fiex waslet l-evoluzzjoni tal-ixprunara Maltija fl-għoxrin seklu. Dan jgħodd ukoll għal dak li hu tibdil li sar fuq il-brigantin li sar brigantin skuna u wara skuna biss. Id-dati f'dawn il-kwadri huma t'għajnuna kbira biex wieħed isegwi l-istorja tal-bċejjeċ tal-baħar.

Fis-Santwarju tal-Mellieħa bdew jiddendlu l-wegħdi sa mill-1610. Niftehmu, l-ikona li turi l-Madonna bil-Bambin San Luqa u San Nikola u bastiment Venezjan forsi taf il-bidu tagħha fil-ħmistax-il seklu. Għalkemm l-ikona ma turix l-ittri V.F.G.A. bħalma nsibu fl-ikona ta' Ħaż-Żabbar, id-dehra tal-kokka f'baħar qawwi hu element li jindika ex-voto.

Fl-istorja mqallba ta' dan is-Santwarju jista' wieħed jistenna li bosta ex-voti għebu u oħrajn inqerdu sew imħabba t-traskuraġni tal-bniedem kif ukoll imħabba s-susa li jġibu magħhom is-snin. Iżda x'seta ġara biex din il-kollezzjoni ħadet il-bixra li tiġbor fiha biss wegħdi tad-dsatax-il seklu? L-aħħar wegħda f'dak is-seklu ġġib is-sena 1884; kellhom jgħaddu bosta snin biex fl-1930 niltaqgħu ma' l-aħħar wegħda tal-baħar li turi d-dgħajsa tal-latini. Bil-bini ta' bastimenti tal-ħadid u l-użu ta' magni kbar il-perikli fuq il-baħar naqsu sew. Hu naturali li l-wegħdi jonqsu wkoll iżda f'santwarji oħra nibqgħu nsibu ex-voti tal-baħar - hawn fil-Mellieħa waqfu ħesrem.

Min-naħa l-oħra meta eżaminajt il-faċċata tas-Santwarju għal xi graffiti indunajt li relattivament dawn huma kollha riċenti f'għamla ta' ismijiet u inizjali. Bċejjeċ tal-baħar ma sibt xejn; forsi hemm disinn ta' profil wieħed biss mal-ħajt taz-zuntier. Jidher għalhekk li l-użu ta' graffiti bħala ex-voti ma qabadx art fil-Mellieħa kif din l-użanza xterdet ma' bosta nħawi oħra fuq il-knejjes tagħna. Jista' jkun li taħt il-loġoġ għad jinkixfu xi graffiti li jistgħu jixħtu dawl ġdid fuq din l-għamla ta' kult minqux fuq il-ġebla.

Għalhekk mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li l-ex-voti sew dawk pinġuti kif ukoll minquxin damu ma qabdu l-art fil-Mellieħa u l-iżjed, wieħed li imur lura u l-waħdieni li nsibu hu dak ta' Guttenberg tal-1678.

L-Ordni ta' San Gwann ħalla bosta tifkiriet f'bosta knejjes Maltin. L-ex-voto ta' Guttenberg jinqata' għalieh waħdu sew imħabba x-xogħol artistiku tiegħu kif ukoll imħabba d-donatur li kien benefattur ta' knejjes oħra bħal dik tal-Ħniena fil-Qrendi, Tal-Grazzja Ħaż-Żabbar u tal-Ħerba Birkirkara. Iżda min-naħa l-oħra ma tistax ma ssemmiex li baqa' ftit xhieda ta' żmien l-Ordni fil-Mellieħa. Barra l-iskwadra tal-galeri tal-1678 insibu żewġ kwadri oħra bla data, wieħed juri vaxxell tal-Ordni u l-ieħor xprunara. L-aħħar kwadru wegħda hu dak ta' brigantin li jġib id-data tal-14 ta' Ottubru, 1769. Kieku nieqfu hawn ikollna ngħidu li ftit li xejn kien hemm devozzjoni lejn il-Madonna fi żmien l-Ordni. Iżda dan mhux minnu; seta' ġara li bosta kwadri ta' żmien l-Ordni ntilfu, tqattgħu, qdiemu u għalhekk twarrbu.

Kull knisja f'Malta u f'Għawdex li fihom issib l-ex voti tara li bosta minnhom huma bla data u oħrajn datati. Iżda fil-Mellieħa l-kwadri kollha li fadal huma datati tħalli barra għaxra. X'seta' ġara ma nafx iżda qisu li xi ħadd iddeċieda li jagħti importanza biss li dawk il-wegħdi li kellhom data fuqhom. Jista' wieħed jobsor ukoll li hekk kif wisgħa għal xi wegħdi ma kienx jinstab bdew jitnaqqru dawk l-iżjed qodma biex jagħmlu wisgħa għall-ġodda.

Waqt li f'santwarji oħra ssib ex-voti kwadri u xi oggetti oħra mogħtijin b'wegħda fil-Mellieħa biss wieħed jista' jara biċċa qlugħ, katina u l-armi ta' Guttenberg. B'xorti ħażina bosta oġġetti bħal dawn twarrbu minn santwarju oħra għalkemm għad baqa' xi bċejjeċ ta' ħbula, manetti tal-ilsiera u xi żewġ balal. Xpruni li kienu jintużaw fuq galeri tal-Mislem jissemmew ukoll iżda llum dawn għebu.

Fit-tnejn u sittin pittura tas-Santwarju wieħed isib għażla sabieħa ta' bċejjeċ tal-baħar użati f'Malta. Fost l-oħrajn jissemmew galera, vaxxell, tartana, xprunara, bombarda, navi, brigantin, trabakklu, pulakka, xambekk, balanza, brig, bark, brig skuna, skuna, tal-latini u firilla. Iżda l-istudju ta' dawn il-kwadri juri wkoll l-evoluzzjoni ta' xi għamliet hekk l-ixprunara nsibuha tinbidel erba' darbiet, il-brigantin latin tat-tmintax-il seklu m'għandux x'jaqsam ma dak tas-seklu ta' wara. Il-brig



*Fedele Baldacchino jagħmel wegħda mal-Madonna tal-Mellieħa wara li l-vapur tiegħu nqabbad fil-maltemp u ġie meħlus bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Mellieħa, 20 ta' Diċembru, 1855. Pittur mhux magħruf. (43 x 33 cm)*

u l-bark inbidlu sew f'ħamsin sena u għamliet oħra twieldu u mietu skond il-ħtieġa taż-żminijiet. Fil-kollezzjoni tal-Mellieha wieħed isib dawn l-għamliet kollha miġburin f'kamra waħda.

L-interess fl-ex-voti tal-Mellieha jiżdied meta wieħed jara l-lista ta' kaptani Maltin li hemm imniżżlin fihom. Naf li għad baqa' qraba ta' dawn in-nies qalbiena li raw l-għarqa ma' wiċċhom kemm-il darba u baqgħu jbaħħru b'risq il-kummerċ marittimu tagħna. Din il-lista tiġbor fiha ismijiet bħal:-

| | |
|---|---|
| Salvu Galea Callus | Paolo Orlando |
| Salvu Camilleri | Saver Vella |
| Antonio Camilleri | Antonio Said |
| Giuseppe Agius | Pietru Pawl Camilleri |
| Francesco Azzopardi | Francesco Vella |
| Giuseppe Giacomo | Antonio Laferla |
| Paolo Musù | Giuseppe Diacono |
| Lorenzo Bezzina | Michele Bonello |
| Salvu Chetcuti | Angelo Grech |

Ikun ta' interess jekk il-qraba ta' dawn il-kaptani jagħtu xi ħjiel jew jawtentikaw il-ġrajjiet li fihom jissemmew nieshom. Fil-każ li fadal xi dokumenti dawn isebbħu wisq l-istudju ta' dawn l-ex-voti.

L-ex-voti dejjem saru għal xi ħelsien minn xi diżgrazzja tal-baħar. Il-kawża prinċipali dejjem kienet xi tempesta; iżda nsibu fil-wegħdi tal-Mellieħa kawżi oħra. Kien hemm każi ta' ħelsien minn briganti u kursari; wegħda oħra ssemmi ħelsien minn pesta waqt li l-biċċa tal-baħar kienet f'Lixandra. Darbtejn niltaqgħu ma' każi fejn il-basitment jitlef it-tmun iżda jerġgħa jitqiegħed f'postu. Każ ieħor kurjuż juri dragun li rrid naħseb li min għamel il-wegħda ried ifisser ħelsien minn xi ħuta kbira; din l-għamla ta' wegħda ttenni ruħha fi knejjes oħra wkoll. Biex inkunu semmejna kollox insibu ħelsien minn għarqa u minn ħruq kbir fuq bastiment. Billi l-azzar u l-magni ħadu post l-injam u l-qlugħ il-

basitmenti fl-aħħar tad-dsatax-il seklu saru wisq iżjed b'saħħithom minn qabel. Il-perikli naqsu sew kif ukoll l-ex-voti.

Minn dawn il-wegħdi wieħed jista' jasal biex jifhem sa fejn kienet tasal il-ħidma tal-baħri Malti. Jissemmew każi li ġraw fil-Mediterran kollu minn Ġibiltà sa Lixandra; hemm każi li jissemmew Liverpool u Stockholm. Il-Malti kien ibaħħar ukoll sa Kostantinopli u madwar bosta gżejjer fil-Mediterran u xi diżgrazzi qrib Malta ma naqsu qatt. Jidher li kien hawn bosta kummerċ ma' l-Italja u l-Afrika ta' Fuq ukoll. Minn wegħdi li jinsabu fi knejjes oħra nifhmu li l-ħidma tal-Maltin fuq il-baħar kienet tasal sal-Amerika wkoll.



*Kwadru mogħti b'wegħda lill Madonna tal-Mellieħa u lil Sant' Anna mill-ekwipaġġ ta' xprunara wara wara maltempata fid-9 ta' Jannar, 1907. Artist mhux magħruf (33 x 28 cm)*

Punt interessanti li joħroġ meta wieħed igħarbel il-kwadri hu li ma kenux mogħtijin kollha mill-Maltin. Jista' jkun li xi Malti baħħar fuq qoxra barranija u għamel wegħda, iżda xi wħud kienu magħmulin minn barranin. Il-biċċa l-kbira tal-ex-voti huma kollha Maltin iżda nsibu xi ftit ukoll ta' żmien l-Ordni, Ingliżi, wieħed Svediż, tnejn Awstrijaċi, wieħed Naplitan u ieħor Ragusan. Dan li qed ngħidu jgħodd ukoll għal xi knejjes oħra li fihom wieħed isib l-ex-voti. Għalhekk wieħed għandu jaħseb li Malta kienet magħrufa mill-baħħara ghaċ-ċentri ta' qima li kellha.

L-agħar żmien għat-tbaħħir dejjem kien u jibqa' x-xitwa, għalkemm insibu każ wieħed ta' maltemp f'Awissu wkoll. Jidher li Frar kien l-agħar xahar li fih saru diżgrazzji u warajh jiġu Novembru u Jannar. Diċembru u Marzu kellhom il-vittmi tagħhom ukoll u fl-aħħar insibu tlett każi li ġraw f'April. Iż-żewġ każi li sibt f'Ottubru m'għandhomx x'jaqsmu ma' maltemp. Fi żmien l-Ordni kien stabbilit li t-tbaħħir jibda f'Mejju u jieqaf f'Ottubru. Din ir-regola waqfet iżjed mal-bastimenti saru b'saħħithom u qalbu għall-azzar u l-magni.

L-arti tal-ex-voti tinqata' għaliha weħidha. Insibu xogħol fqir, sempliċi, bla perspettiva, ilwien mhux maħdumin flimkien, ikonografija tat-tfal b'aċċent qawwi fuq il-kawża tal-wegħda. Dawn għandhom il-valur relattiv għax juru bċejjeċ tal-baħar kif dehru f'għajnejn min għamel il-wegħda. Kwadri oħra juru l-idejn il-madonnari li kienu jaħdmu fuq din l-għamla ta' xogħol iżjed minn ħaġ'oħra. Fost dawn insibu lil Vincenzo Gonzi u M. Gonzi li pinġew bosta wegħdi f'ħafna knejjes tagħna fosthom fis-Santwarju tal-Mellieħa. Iżda hawn insibu forsi l-isbaħ kwadru wegħda li x'aktarx hu xogħol tal-Erardi, irrid ngħid għal dak ta' Guttenberg. Kwadru ieħor hu iffirmat minn C. Galea u x'aktarx li l-

kwadru li juri brig skuna tal-1865 hu xogħol ta' N. Camilleri.

Hi tassew ħasra li l-ex-voti mhux dejjem jistgħu jitgawdew minn dak li jkun irid jiflihom bir-reqqa. Il-problema ta' l-ispazju ssibha f'dawk il-knejjes li għandhom bosta minn dawn il-wegħdi. Fis-Santwarju tal-Mellieħa xi wħud minnhom huma fil-għoli wisq hekk li ma jistgħux jinqraw u oħrajn fil-baxx ħafna bil-periklu li jintlaqtu. Għandu jsir studju biex jinstab l-aħjar mezz kif dawn il-wegħdi jkunu esibiti. Wegħda tilbes il-valur meta ssibha mdendla fil-post tagħha; biċċa pittura oħra ssib postha kull fejn iddendilha. Għal min irid jistudja għandu jsib l-ex-voti fil-qrib bħal meta wieħed jifli dokument miktub; għal min irid iħares biss, l-ex-voti jibqgħu biss kurżità - ħaġa mhux tas-soltu.

Matul is-snin l-ex-voti dejjem soffrew minn kull għamla ta' traskuraġni tan-nies u l-qawwa tal-elementi. L-użu ta' xemgħa eżaġerat tinħass wisq kif ukoll passati ta' verniċ u xi drabi żejt li biż-żmien iggomma u sewwed il-kwadri. Is-sħana u l-umdità għamlu tagħhom ukoll. Il-karta, l-injam u t-tila li fuqhom saru l-kwadri huma suġġetti għal bosta ħsara u billi dawn l-ex-voti qatt ma kellhom fama bħal pittura oħra qatt ħadd ma kien jagħti każhom. Il-preżervazzjoni ta' xogħol bħal dan ma titlobx wisq u bi ftit ħsieb nistgħu ngħaddu għal ta' warajna patrimonju ta' informazzjoni utili wisq għall-istorja tal-baħar. Bi pjaċir ngħid li llum il-kollezzjoni tal-ex-voti fis-Santwarju tal-Mellieħa hi miżmuma wisq aħjar minn mindu rajtha l-ewwel darba u d-dendil tal-kwadri kif huma llum jaqta'xi ftit l-umdità li tista' tmisshom.

Minn żmien għal żmien isiru xi wirjiet li fihom wieħed jara minn dawn l-ex-voti. Issib min forsi ma jaqbilx ma' dan il-ħsieb iżda minn naħa dejjem joħroġ xi ġid għax il-kwadri ssirilhom dik it-tiswija, żgħir kemm hi żgħira, li żżommhom f'kundizzjoni tajba. Qed jiġri wkoll li l-ex-voti qed jieħdu l-importanza li tixirqilhom għalkemm għadna 'l bogħod wisq mill-apprezzament tal-kotra tan-nies. Xi drabi jista' jiġri li kwadru minn knisja jsib postu f'oħra bi żball iżda każi bħal dawn huma rari.



*Wegħda lill-Madonna u San Ġorġ minn Giovanni Camilleri tat-Tartana "Sta. Maria" wara maltempata tat-28 t'April 1847 iffirmat V.G. għal (V. Gonzi) (43 x32cm)*

Għaddew bosta snin minn mindu bdejt l-istudju tal-ex-voti. It-twajjeb sagristan tas-Santwarju kważi għoxrin sena ilu kien ħallieni nara u nifli kull kwadru; bħalu għamlu wkoll prokuraturi ta' knejjes oħra li bis-saħħa tagħhom stajt niġbor bosta informazzjoni. Illum nista' ngħid li l-istudju fuq dawn il-kwadri qed jikber kif ġara fl-Italja u fi Franza. Studjużi bħal Vincenzo Bonello, Mons. Zarb, it-Tabib Paul Cassar u Mario Buhagiar taw sehem xieraq f'dan il-qasam. Dan l-aħħar iżda l-Prof. Prins, Olandiż, fil-ktieb tiegħu "In Peril on the Sea" għamel studju kbir li nistgħu ngħidu li hu l-ewwel ktieb sħiħ li jittratta l-ex-voti kollha ta' Malta u Għawdex.

Is-Santwarju tal-Mellieħa hu xhieda tal-fiduċja li l-baħri Malti kellu lejn il-Madonna. Jekk illum ex-voti tal-baħar waqfu wegħdi oħra għadhom isiru u jibqgħu jsiru sakemm il-bniedem jibqgħa jħoss l-għajnuna fil-ħajja ta' kuljum - l-għajnuna t'Omnna tas-Sema.

**Joseph Muscat**